VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,023, 29 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 45 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Public Administration – D.P.A. - taħt il-patroċinju tal-Institute of Public Administration and Management

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Institute of Public Administration and Management bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 4(2)(e) tal-Istatut tal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Public Administration – D.P.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Public Administration – D.P.A. - taħt il-patroċinju tal-Institute of Public Administration and Management, ippubblikati bħala Avviż Legali 183 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula wara intervista jew test bil-miktub, jew kemm b'intervista u b'test bil-miktub, immexxija mill-Bord tal-Istudji, li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont il-kriterji u l-piżijiet li ġejjin:

(a) il-kwalifiki akkademiċi - 30%;

(b) l-għarfien tal-Ingliż u l-Malti, kemm mitkellma kif ukoll bil-miktub - 50%; u

(ċ) l-esperjenza u l-interess fl-amministrazzjoni pubblika - 20%."

4. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jiġu kklassifikati f'ordni mill-ewwel sal-aħħar u dawk li għalihom ikun hemm postijiet disponibbli jiġu aċċettati u nfurmati b'dan."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda."